MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 1553/2002

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rappresentanza tas-sindikati esteri operanti bl-isem Norwich**
**Union International Insurance Limited kif surrogata fid- drittijiet ta' l-assigurat taghha**
**Joseph Gauci abbazi tal-polza**
**ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* u tal-Ligi u l-istess Joseph Gauci**

**vs**

**David Sammut**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Gunju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici nomine et. s-somma ta' mija u tmienja u erbghin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm148.33) rappresentanti d-danni kollha sofferti mill-attur Joseph Gauci assigurat tas-socjeta' attrici Fogg Insurance

Agencies Limited noe. u li ghalihom ghamlu tajjeb, in kwantu ghall-ammont ta' mija tlieta u ghoxrin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm123.33), s-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited u kwantu ghall-ammont ta' Lm25, l-istess Joseph Gauci in linea ta' *excess payment*, bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fid-19 ta' Novembru 2001 ghal habta tal-10:30a.m. gewwa Triq tas-Sliema, Gzira, bejn il-vettura proprjeta' ta' l-attur Joseph Gauci bin-numru ta' registrazzjoni AAA 434 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni ABN 895, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragini, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 18 ta' Frar 2002 u l-ittra ufficjali li ntbaghtet kontestwalment ma' l-avviz lis-socjeta' assikuratrici Fortress Insurance Agency Limited bhala agenti tas-socjeta' Middle Sea Insurance plc u interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali tat-18 ta' Frar 2002 kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha huwa rrespinga l-pretensjonijiet ta' l-atturi bhal infondati fil-fatt u fid-dritt stante li huwa ma kienx responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni, kuntrarjament ghal dak kollu allegat mill-istess atturi.

Sema' x-xhieda ta' l-attur Joseph Gauci u l-konvenut David Sammut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti u cioe' d-Dokumenti JG1 sa JG7 esibiti mis-socjeta' attrici nomine et. konsistenti fid-dikjarazzjoni *front to rear* ta' l-incident mertu tal-kawza, *survey report*, ricevuti tad-danni subiti fil-vettura ta' l-attur u korrispondenza bejn is-socjeta' attrici u l-konvenut.

Ikkunsidra:

Illi l-incident stradali mertu tal-proceduri odjerni sehh f'Sliema Road, hdejn it-*traffic lights* li jaghtu ghal Triq Regjonali. L-incident sehh fid-19 ta' Novembru 2001 ghal

habta ta’ l-ghaxra u nofs ta’ filghodu. L-attur Joseph Gauci kien qieghed isuq vettura tal-marka Daewoo Racer bin-numru ta’ registrazzjoni AAA434, filwaqt li l-konvenut kien qieghed isuq vettura proprjeta’ tal-Melita Marine Ltd., tal-marka Fiat Punto bin-numru ta’ registrazzjoni ABN 895. It-triq fil-post fejn sehh l-incident hija ftit ghat-telgha.

Il-fatti specje ta’ dan l-incident stradali huma semplici hafna. L-kontendenti kienu weqfin mat-*traffic lights* li jaghtu ghal Regional Road. Il-vettura ta’ l-attur kienet wieqfa fuq quddiem, filwaqt li l-vettura misjuqa mill-konvenut kienet warajha. L-verzjonijiet taz-zewg sewwieqa hija ghal kollox konfliggenti. *Road accident report* ma hemmx ghaliex is-sewwieqa imlew id-dikjarazzjoni *front-to-rear* li tinsab esibita a fol.11 tal-process u mmarkata bhala Dokument JG1.

L-attur jikkontendi illi huwa kien wieqaf mat-*traffic lights*, b’vetturi ohra weqfin quddiemu, jistenna sabiex jaqleb id-dawl ghall-ahdar. Kif kien wieqaf huwa hass daqqa fuq il-vettura tieghu fin-naha ta’ wara. Huwa jikkontendi illi kien wieqaf f’dan il-mument u anke l-vetturi ta’ quddiemu kienu ghadhom weqfin. L-attur ighid illi huwa kien qieghed wara dawn il-vetturi jistenna sabiex kif jaqleb id-dawl hu jsuq warajhom. Isostni illi huwa kien wieqaf meta sema’ d-daqqa tal-vettura l-ohra fuq in-naha ta’ wara. Peress illi kellu l-*hand-brake* mgholli l-vettura tieghu mad-daqqa ma mxiext ‘il quddiem. Jikkonferma illi d-dikjarazzjoni *front-to-rear* imtliet dak in-nhar ta’ l-incident mill-konvenut u huwa iffirmaha. L-hsarat kienu fuq in-naha ta’ wara tal-vettura tieghu. L-attur jikkontendi illi l-konvenut kien qallu li kien lest li jirrangalu hu minghajr ma jinvolvi l-ebda assikurazzjoni fl-eventwalita’ illi l-hsarat tieghu ma kenux jeccedu l-mitejn lira (Lm200).

L-attur ighid li meta wasal id-dar ircieva telefonata minghand il-konvenut li kien tallbu sabiex imur Haz-Zebbug ghand xi tillar. Huwa kien mar Haz Zebbug, izda ghamilha cara lill-konvenut illi hu ried isewwi fejn kien jidhirlu l-ahjar hu. Jiftakar illi dak in-nhar flimkien mal-konvenut kien hemm terza persuna li bdiet iddur mal-vettura tieghu u tghid illi hu ma kellux iktar minn Lm10

hsara u ghalhekk l-attur insista illi huwa jsewwi fejn jidhirlu hu. Ghalhekk l-ghada mar ghand l-assikurazzjoni tieghu sabiex jaghmel *claim* dwar l-incident.

Jiftakar illi l-assikurazzjoni tieghu ghamlet kuntatt ma' l-assikurazzjoni tal-konvenut u kien gie *surveyor* jara l-vettura tieghu. Hu kien assikurat b'polza tat-tip *fully comprehensive*. Jikkonferma illi hallas il-Lm25 *excess payment* u l-kumplament hallsuhom l-assikurazzjoni tieghu. Jiftakar li kien cempillu ukoll certu Pierre Balzan li kien il-principal tal-konvenut sabiex jiftiehem mieghu fejn kien ser isewwilu ghaliex qallu illi kellu kull dritt jiffranka il-flus. Wara dan huwa kien ghamel *claim* ma' l-assikurazzjoni tieghu.

Il-konvenut min-naha tieghu jaghti verzjoni kompletament differenti ta' kif sehh l-incident stradali. Huwa jaqbel illi kien wieqaf wara l-attur jistenna sabiex jaqleb id-dawl tat-*traffic lights*. Ighid illi huwa kien ir-raba karozza wieqaf wara t-*traffic lights* u quddiemu kien hemm il-vettura ta' l-attur. Huwa ighid illi kien wieqaf boghod minnu madwar metru u nofs. Hekk kif qallbu il-*lights* ghal kulur ahdar, il-vetturi ta' quddiemu saqu hlief ghal dik ta' l-attur u dana peress illi meta huwa gie biex jaqla' intfietlu l-magna u meta pprova jistartja, l-karozza ta' l-attur bdiet niezla lura u strahet fuq il-vettura tieghu. Jikkontendi illi kien ilu wieqaf wara l-attur madwar tletin sekonda meta sehh l-impatt.

Jikkonferma illi kien hu li mela d-dikjarazzjoni *front-to-rear* u l-pjanta ghamilha hu. Wara li vverifika l-kontenut taghha, jghid illi l-attur iffirmaha. Jikkontendi ghalhekk illi fil-mument illi l-vettura ta' l-attur strahet fuqu l-kulur tat-*traffic lights* kien ahdar. Ighid illi l-vettura li kien qieghed isuq ma hijiex tieghu, izda proprjeta' tal-Melita Marine Limited fejn hu impjegat. Jichad illi huwa ammetta t-tort ghall-incident.

Ighid illi huwa kien ftiehem ma' l-attur biex imorru ghand il-*panel beater* tal-kumpanija gewwa Haz Zebbug, li kien ikkonstata illi l-hsarat fil-vettura ta' l-attur kienu minimi. Ighid illi madanakollu l-hsarat kienu ser jigu imhallsa mill-attur u li dan l-inkontru kien sar minghajr pregudizzju.

Waqt li kienu ghand il-*panel beater*, l-attur beda jinsisti sabiex jerga jara d-dikjarazzjoni *front-to-rear* u sakemm dahal ghand il-*panel beater*, l-attur kien dahallu fil-vettura tieghu u beda ifittex din id-dikjarazzjoni fil-*glove compartment*.

Huwa jinsisti illi l-kliem *"hu strah fuqi"* fid-dikjarazzjoni *front-to-rear* kien ghamilhom dak in-nhar ta' l-incident fil-prezenza ta' l-attur u jichad illi huwa ghamel dawn il-kliem wara, izda jghid illi kien hu li mmarka l-kaxxa numru wiehed il-kliem, *"hbatt mal-parti ta' wara tal-vettura l-ohra."* In kontro-ezami ighid illi ghalkemm l-attur kien wieqaf metru u nofs 'il boghod minnu u ghalkemm huwa rah gej ghal fuqu, ma ghamel l-ebda reazzjoni. Lanqas paqpaq il-*horn* ghaliex sakemm kien ser jaghmel dan, huwa lehaq strah fuqu.

Ikkunsidra:

Illi ghalkemm il-kontendenti t-tnejn kienu nvoluti fl-istess incident izda huma ma jaqblux mal-mod kif sehh l-istess, tant illi bil-fors illi wiehed minnhom qieghed b'xi mod ighawweg il-fatti sabiex jigi skulpat mir-responsabbilta' ghal din il-kollizzjoni. It-Tribunal ghalhekk irid bil-fors jikkonstata liema miz-zewg verzjonijiet hija dik l-iktar verosimili ghaliex lanqas fuq l-iktar fatti bazilari ma hemm qbil. L-uniku haga li dwarha jaqqblu z-zewg sewwieqa hija l-posizzjoni tal-vetturi taghhom qabel l-impatt u cioe' illi l-vettura ta' l-attur kienet tinsab quddiem dik tal-konvenut.

Illi madanakollu hemm diversi fatturi li jimmillitaw favur il-verzjoni moghtija mill-attur milli dik moghtija mill-konvenut:

1. Il-hsarat rapportati fil-vetturi rispettivi tal-partijiet. Illi l-hsara fil-vettura ta' l-attur tidher illi hija fuq il-*bumper*, kif deskritti mis-*surveyor* bhala "*slightly warped and rear panel buckled in*." Dawk fuq il-vettura tal-konvenut, kif deskritti minnu stess fid-dikjarazzjoni *front-to-rear* (Dokument JG1 a fol.11. tal-process) huma indikati bhala *"bonnet imcaqlaq."* Illi li kieku l-vettura ta' l-attur strahet fuq dik tal-konvenut kif allegat mill-konvenut, certament il-

hsara li kienet tigi rapportata kienet tkun ferm inqas u dana peress illi fl-ewwel lok, kif ighid il-konvenut huwa kien wieqaf ftit distanza ‘il boghod mill-attur u allura il-*momentum* ma kenitx tkun wahda daqshekk qawwija, fit-tieni lok l-vettura ta’ l-attur kienet wieqfa u ghalhekk ma setghetx tinzel daqshekk b’sahhitha fuq il-vettura tal-konvenut li ccaqlaqlu l-*bonnet*. Kieku kien minnu illi l-vettura ta’ l-attur strahet fuq dik tal-konvenut, l-*bonnet* tal-vettura tal-konvenut ma kienx ser jigi mcaqlaq u l-ghafsa fuq il-*bumper* ta’ l-attur kienet tkun wahda minima.

2. Illi l-fatt illi l-konvenut ma irreagixxa bl-ebda mod ghall-moviment tal-vettura ta’ l-attur, hija kemmxejn inverosimili ghaliex li kieku kif jallega hu, l-vettura ta’ l-attur bdiet niezla ghal fuqu certament kien istintivament idoqq il-horn, haga illi sorprendentement huwa ma ghamilx. Illi t-Tribunal ma jemminx illi l-konvenut ma lahaqx idoqq il-horn hekk kif ra l-vettura ta’ l-attur niezla ghal fuqu ghaliex ma kienx hemm bizzejjed hin biex jaghmel dan, ghaliex it-tpaqpiqa tal-horn hija xi haga isttintiva li ma tirrikjedix xi tul ta’ zmien.

3. Illi jidher illi l-formola tad-dikjarazzjoni *front-to-rear* giet mizmuma mill-konvenut wara l-incident u illi l-attur ma nghatax il-kopja tieghu kif suppost isir. Anke fil-formola stess hemm twissija, fit-tarf taghha, li tghid is-segwenti: *“tibdel xejn mid-dikjarazzjoni wara li tigi iffirmata u wara li tinghata l-kopja lis-sewwieq l-iehor.”* Din il-kopja qatt ma nghatat lill-attur, tant illi anke l-attur stess xtaq jerga’ jaraha, meta l-kontendenti iltaqghu ghand il-*panel beater* gewwa Haz-Zebbug.

4. Huwa stramb ukoll il-fatt illi dak in-nhar stess l-konvenut hass illi kellu jcempel lill-attur sabiex jiltaqghu ghand il-*panel beater* tal-kumpanija fejn huwa kien impjegat sabiex jigu kkonstati l-hsarat fil-vettura ta’ l-attur, bl-intenzjoni illi kien l-attur li kellu jhallas ghal dawn il-hsarat. Ma jidhirx illi l-iskop tal-laqgha kien sabiex jigu kkonstati l-hsarat fil-vettura tal-konvenut, anzi fl-ebda mument ma jidher li jissemmew il-hsarat fil-vettura tal-konvenut. Illi l-uniku skop ‘il ghala l-konvenut kien ghamel dan, kien sabiex huwa jsewwi l-hsarat li kien ikkaguna fil-

vettura ta' l-attur ghand persuna tal-fiducja tieghu u minghajr ma jdahhal l-assikurazzjoni. It-Tribunal ftit li xejn jemmen illi kien l-konvenut illi bhala att ta' rieda tajba ha lill-attur ghand it-tillar tieghu biex jindikalu fejn ghandu jsewwi l-hsarat. Il-verita' hija illi l-konvenut ma xtaqtx jinvoli lill-assikurazzjoni peress illi l-hsarat ma kienux konsiderevoli u ghalhekk ha lill-attur ghand it-tillar tieghu biex isewwielu bi prezz tajjeb ghalih u sabiex jiffranka l-flus.

5. Illi fil-formola *front-to-rear*, hemm zewg dikjarazzjoni konfliggenti maghmula mill-konvenut stess – wahda fil-kolonna intitolata *"cirkostanzi"*, fejn l-konvenut indika illi habat mal-parti ta' wara tal-vettura l-ohra, u d-dikjarzzjoni fil-klawsola numru 12 tal-kolonna tieghu, fejn izid il-kliem: *"jien qed inghid li hu strah fuqi."* Wiehed jistaqsi liema ghal konvenut, hija l-verzjoni l-korretta.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jemmen illi l-verzjoni moghtija mill-attur hija l-iktar wahda verosimili u kredibbli. L-attur jishaq illi huwa kien bil-*hand brake* mgholli fil-mument illi hass l-impatt mill-vettura ta' warajh mal-vettura tieghu, meta d-dawl tat-*traffic lights* kien ghadu jindika l-ahmar. Huwa dejjem baqa' isostni illi ried jaghmel il-*claim* ma' l-assikurazzjoni tieghu u ma riedx jaccetta dak li kien qieghed jigi propost lilu mill-konvenut, u cioe' li isewwi ghand it-tillar tieghu. Dana huwa wkoll indikattiv illi huwa kien jaf illi ma kellu l-ebda tort ghall-incident in kwistjoni.

Ghaldaqstant ghal motivi hawn fuq premessi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut, jilqa' t-talba attrici, jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali mertu tal-kawza, u jikkundannah ihallas lis-socjeta' attrici nomine et., s-somma ta' mija u tmienja u erbghin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm148.33), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-18 ta' Frar 2002 u dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut ai termini tal-Kapitolu

104 tal-Ligijiet ta' Malta ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------